# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-30 ta' Jannar 2023**

**Rikors Numru : 562/2022 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**RA**

**U**

**VM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 24 ta' Ottubru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet zzewgu nhar it-3 ta' Dicembru 2005 gewwa l-Italja, fi vilagg Castiglione Torinese f'Turin, liema zwieg kien registrat fir-Registru Pubbliku kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn annessa u mmarkata Dokument A.*

*Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Hans Karl Attard fl-24 ta' Marzu 2022 li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dokument B.*

*Illi l-kuntratt ta' separazzjoni gie ppublikat aktar minn sitt xhur ilu u ghaldaqstant l-partijiet ilhom jghiu hajja separata minn xulxin ghal aktar minn 8 xhur , ossija huma ilhom separati de facto minn ma xulxin ghall-dawn l-ahhar 8 xhur, u ghalhekk huma intitolati biex japplikaw ghad-divorzju.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet huma kuntenti jghixu l-hajja separata taghhom u dan kif jirrizulta mill-affidavit tal-esponenti hawn annessi u mmarkati bhala Dokument C u Dokument D.*

*Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-esponenti personalment stante li dritt ta' manteniment gie rinunzjat fl-istess kuntratt ta' separazzjoni.*

*Illi dawn il-fatti fuq isemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtega ghal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neccessarja u opportuna ghar-ragunijiet premessi joghgobha:*

1. *tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dan il-hall taz-zwieg.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota konguntа tal-partijiet datata 28 ta' Dicembru 2022, a fol 13;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RA xehed** (vide affidavit Dok C, fol 10) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-3 ta' Dicembru 2005 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 24 ta' Marzu 2022, (izda ilhom jghixu separati ghal tmien

(8) xhur), fl-atti tan-Nutar Dr Hans Karl Attard. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**VM xehdet** (vide affidavit Dok D, fol 11) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-***

> ***miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Dicembru 2005, liema zwieg jgib certifikat numru 2005/Parte: II/Serie: A/No: 20 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A fol 4). Minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Hans Karl Attard nhar l-24 ta' Marzu 2022 (vide Dok B fol 5 et seqq.), izda kienu ghixu separatament ghal tmien xhur qabel s-separazzjoni konsenswali. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermawx illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2005/Parte: II/Serie: A/No: 20 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex isiru n-notamenti mehtiega fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**